Minuti tas-Sebgħa u Tletin (37) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 24 ta' Frar, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Alfred Grima | Assenti | Imsiefer |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.30.pm |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 7.55 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.40 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.40 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 8.15p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.40 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Tletin (36) Laqgħa tal-Kunsill li saret fl-20 ta' Jannar, 2011 b'kontinwazzjoni fil-25 ta' Jannar 2011 u tal-Laqgħa B'Urġenza tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar 2011.**

Il-minuti tal-Laqgħa 36 li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011, tal-Kontinwazzjoni tal-istess Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2011, u tal-Laqgħa b'Urġenza tal-Ġimgħa 11 ta' Frar 2011 ġew approvati unanimament u ffirmati wara li saru dawn il-korrezzjonijiet:

F'item 3.08 tal-Laqgħa tal-20 ta' Jannar fit-tielet paragrafu jinbidel l-isem 'Mario' u jsir 'Martin'.

F’item 9.01 tal-Laqgħa tal-20 ta’ Jannar jiżdiedu l-kliem ‘fil-garaxx darba fis-sena jitneħħa l-parking sena sħiħa’ fl-aħħar tas-sentenza.

F’item 9.03 tal-Laqgħa tal 20 ta’ Jannar fir-raba paragrafu il kelma ‘iża’ issir ‘iżda’ u tiżdied il-kelma ‘l-inċident’ fl-aħħar tas-sentenza.

F’item 9.03 tal-Laqgħa tal 20 ta’ Jannar fis-sitt paragrafu jinbidel l-isem ‘Ray Tabone’ u jsir ‘Ray Bartolo’.

F’item 1.00 tal-Laqgħa ta’ kontinwazzjoni tal-25 ta’ Jannar 2011 jiżdied item kif ġej:
‘1.06 Il-Kunsillier Mario Camilleri ippreżenta lista tal-membri tas-Sotto-Kumitat tal-Aspetti Soċjali.’

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-ewwel parti tal-Laqgħa Nru: 36 tal-20 ta’ Jannar 2011.**

2.01 Dwar Para. 3.05–Proposta ta’ tisbiħ fl-Oqsma tad-Djar tal-Gvern. Ġie spjegat li ma’ saret l-ebda proposta f’dan ir-rigward lid-Dipartiment tad-Djar għaliex il-Kunsillier inkarigat, is-Sur Mario Camilleri ma’ kienx laħaq ipprepara l-proposti tiegħu filwaqt li l-Kunsillier Frank Gauci kien għadda il-proposti tiegħu dwar attivitajiet edukattivi lis-Segretarju Eżekuttiv.

2.02 Dwar Para. 3.06 – Arretrati mitluba mill-impjegata Josette Vella. Ġie deċiż li wara li ġew studjati l-minuti tal-2003 fuq dan is-suġġett, ma għandhomx jingħataw arretrati u l-Kunsill kellu jimxi fuq il-parir tas-Sur James Catania tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

**2.00(a) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgħa Nru: 36 tal-25 ta’ Jannar 2011.**

2.01(a) Dwar Para. 1.02 - Ġie spjegat li meta jinħareġ it-tender il-ġdid il-kuntrattur għandu jingħata lista biex ibattal il-‘bins-on-wheels’ li hemm fil-lokalita’ fosthom dawk tal-għassa tal-Puluzija.

**2.00(b) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa B'Urġenza tal-11 ta’ Frar 2011.**

2.01(b) Ma kienx hemm punti mqajma.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Dwar item tal-Korrispondenza no:2 il-Kunsill qabel li terġa ssir estensjoni tal-kuntratt ta’ kera tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill mas-sid tal-propjeta l-Perit Godwin Vella bl-istess kundizzjonijiet hekk kif propost mill-Perit Vella.

3.02 Dwar item tal-Korrispondenza no:8 mingħand id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Martin Bugelli, li kien qed jawtorizza li jsir il-ħlas ta' kontijiet pendenti mingħand l-istabiliment 'Jonstore' għal xiri mhux awtorizzat, il-Kunsillier Ray Tabone qal li ma kienx konvint mill-konklużjoni tad-Direttur Generali.

3.03 Dwar item tal-korrispondenza no: 28 fejn il-Puluzija kienu ssottomettew pjanti fejn qed jitolbu li-Kunsill jagħmel bollards temporanji għal meta jkun hemm bżonn jingħalqu toroq għat-traffiku minħabba xi attivitajiet, il-Kunsill approva li dawn isiru mill-kuntrattur tal-Kunsill.

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

4.01 Ġie approvat ir-Rendikont ta' Dħul għax-xahar ta' Jannar, 2011 kif ippreżentat.

4.02 Ġiet ippreżentata lista ta' Pagamenti għas-somma totali ta' Euro 191,516.68.
Il-Kunsillier Ray Tabone li oġġezzjona għal pagamenti lill-'Jonstore'. Saret votazzjoni dwar jekk dawn il-pagamenti lill-'Jonstore' għandhomx isiru. Kienu preżenti 7 kunsilliera waqt il-votazzjoni. Irriżultat tal-votazzjoni kien 5 voti favur (GG, MC, RB, PA, u FG), 1 astjena (AB) u vot kontra (RT). Il-lista tal-pagamenti ġiet approvata kif ippreżentata.

4.03 Ġiet approvata lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol kif ippreżentata.

## 5.00 Probation tal-Iskrivana Gloria Debono.

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-impjegata s-Sinjura Gloria Debono kien ser jgħalqilha l-probation period u huwa kien qed jirrakkomanda li l-impjieg tagħha jiġi kkonfermat. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni u l-impjieg tas-Sinjura Debono ġie kkonfermat.

## 6.00 Preżentazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika tat-13 ta' Frar 2011.

6.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea talbet li jiġu approvati l-minuti tal-Laqgħa pubblika. Dawn ġew approvati unanimament.

6.02 Is-Sindku qalet li l-ilmenti tal-pubbliku kienu qed jiġu ndirizzati. Il-maġġor parti ta' dawn l-ilmenti kienu jirrigwardjaw nuqqas ta' parking fiż-żona ta' Triq San Gilardu fejn kien qed isir il-proġett ta' tiżbiħ mill-MTA. Hija qalet li saret laqgħa mal-periti tal-MTA u r-residenti kkonċernati fejn ġie spjegat il-proġett. Ġie aċċettat li t-triq imsemmija issir one way fid-direzzjoni kif mixtieq mir-residenti tal-inħawi.

## 7.00 Diskussjoni dwar PC4/10 – Żvilupp fi Triq il-Qawra, Qawra.

7.01 Il-Kunsill iddiskuta dan l-iżvilupp kif propost fl-applikazjoni PC4/10 lill-MEPA minn sidien ta' art fil-Qawra. Ġie innotat li residenti tal-madwar kienu qed joġġezjonaw għal dan l-iżvilupp. Il-Kunsill kien ta' l-opinjoni li l-MEPA għandha timxi skont ir-regoli eżistenti dwar żvilupp basta jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tar-residenti ta' dawk l-inħawi.

Il-Kunsillier Ray Tabone talab li jiġi nnotat li huwa kien oġġezzjona li jingħata dan il-permess, hekk kif sar dan l-aħħar ma' residenti tax-Xemxija f'każ simili.

**8.00 Mozzjoni Mressqa mill-Proponent il-Kunsillier Mario Camilleri u Ssekondata mill-Kunsillier Martin Zerafa - P.A. 0116/07 Latrina Pubblika f'Misraħ il-Bajja.**

8.01 Ġiet ippreżentata l-mozzjoni tal-Kunsillier Mario Camilleri u Ssekondata mill-Kunsillier Martin Zerafa li titlob li l-Latrina Pubblika f'Misraħ il-Bajja, tiġi devoluta mingħand il-Lands Department għal għand il-Kunsill Lokali wara li kien jidher li l-konċessjonarju ta' din l-latrina ma' kienx għamel l-iżvillupp miftiehem u l-latrina baqgħet ma tintużax.

Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni.

**9.00 Żjara tal-President fil-Lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.**

9.01 Is-Sindku l-Perit Graziella Galea fakkret li l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dr. George Abela kien ser iżur il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar il-Ħamis, 10 ta' Marzu 2011 meta kien ser jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-NGOs u nhar il-Ħadd, 13ta' Marzu 2011 meta kien ser jiltaqa' mar-residenti. Il-Kunsilliera kollha ġew imħeġġa jattendu għal dawn il-laqgħat mal-President.

**10.00 Attivitajiet tal-Karnival 2011 u tal-Wignacourt *Tower Festival* 2011.**

10.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, infurmat lill-Kunsill li mill-iskema ta' għajnuna għall-attivitajiet tax-xitwa s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, Dr. Chris Said flimkien mas-Segretarju Parlamentari responsabli mill-MTA, Dr. Mario DeMarco kienu approvaw is-somma ta' 7,000 Euro għall-attivita' tal-Wignacourt *Tower Festival* 2011. Ma kienux ġew approvati fondi għall-attivita' tal-Karnival f'San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsill approva unanimament is-somma ta' 2,000 Ewro mill-fondi tiegħu sabiex tkun tista' ssir l-attivita' tal-Karnival, u 3,000 Ewro mill-fondi tiegħu sabiex tkun tista' ssir l-attivita' *The* Wignacourt *Tower Festival* 2011.

**11.00 Aġġornament.**

Billi fit-8.30p.m. kien skada il-ħin permess mill-liġi, il-Kunsill aġġorna l-Laqgħa tal-Kunsill għal nhar il-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2011 fil-5.30p.m. għat-tkomplija tal-aġenda.

__________________________ __________________________________

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri